MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 263/2019 LM

**Paul Philip Caruana (K.I. 524386M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**John Mary Casha (K.I. 241457M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **John Mary Casha (K.I. 241457M)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tad-9 ta' Lulju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur **Paul Philip Caruana (K.I. 524386M)**, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-

konvenut u ordnat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin Euro (€6,750) bl-imgħax dekorribbli mill-21 ta' Diċembru, 2019.

## Fatti

2. L-attur talab lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin Euro (€6,750) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' vann transit li ġie mibjugħ lilu u l-konvenut baqa' ma ħallasx l-ammont kollu, liema vann kien ġie impurtat minn barra.

## Mertu

3. Il-konvenut wieġeb li s-somma pretiża mill-attur mhijiex dovuta peress li l-prezz pattwit bejn il-partijiet sabiex l-attur jiffaċilita l-importazzjoni ta' dan il-vann ġie mħallas bil-quddiem fit-22 t'April, 2018 permezz ta' pagament ta' €8,000 u pagament ieħor ta' £6,080, liema pagamenti għaddew mill-konvenut lill-attur fil-preżenza ta' terzi.

4. L-attur **Paul Philip Caruana** fix-xhieda tiegħu spjega li l-konvenut kien inkarigah iġiblu vann *seventeen-seater* mir-Renju Unit, u huwa kien ġabulu. Qal li l-konvenut kien ħallsu tal-vann iżda mhux tal-ispejjeż l-oħra inkorsi minnu sabiex dan il-vann inġab mir-Renju Unit għal Malta. Qal li dawn l-ispejjeż kienu jkopru *diesel, tolls* tat-toroq u l-ħlas tal-ferrovija minn Dover lejn Calais. L-attur qal li huwa jaħdem fis-settur tal-kostruzzjoni, kif ukoll iġib vetturi kummerċjali minn barra, fosthom trakkijiet u *plant machinery.* L-attur spjega t-traġitt li ħa

biex dan il-vann inġab Malta, billi l-ewwel qasam it-*tunnel* minn Dover lejn Calais, saq lejn Genoa u minn hemm il-vann ittella’ fuq il-Grandi Navi Veloci sa Palermo, instaq lejn Katanja u minn hemm il-vann inġab Malta. L-attur qal li għal dan l-inkarigu huwa għadu ma tħallasx mill-konvenut, u lanqas ma tħallas għall-ispejjeż li għamel, bħat-titjiriet u spejjeż oħra. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-attur ikkonferma li huwa sar jaf lill-konvenut għaliex dan kien jagħmillu xi xogħol ta’ bini. L-attur ikkonferma li huwa kien wera diversi ritratti ta’ vannijiet lill-konvenut, sakemm dan għażel wieħed, u huwa kien mar id-dar tal-konvenut u dan għaddielu flus kontanti bħala ħlas. Muri d-dokument li allegatament juri li huwa ffirma għall-flus li rċieva, l-attur qal li huwa ma jiftakarx li kien iffirma dan id-dokument. L-attur qal li soltu huwa jbiegħ vetturi milli jkollu impurtati, iżda l-konvenut kien ikkonvinċih iġiblu dan il-vann partikolari. Mistoqsi għal liema raġuni huwa fetaħ il-proċeduri odjerni wara li l-konvenut kien fetaħlu kawża fuq xogħol ta’ kostruzzjoni, l-attur wieġeb li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-kontijiet jiġu paċuti hekk kif ikun hemm sular bini lest mix-xogħol li kien qiegħed jagħmillu l-konvenut. L-attur spjega li l-konvenut kien bnielu blokka ġewwa Saint Albert Street, il-Gżira, u meta dan bena l-ewwel sular u waslu għall-kontijiet, il-konvenut għolla l-ispejjeż, sabiex bihom ikopri parti mill-ħlas tal-vann.

5. Il-konvenut **John Mary Casha** fix-xhieda tiegħu qal li huwa sar jaf lill-attur għaliex huwa kien għamillu xi xogħol ta’ bini. Qal li t-tifla tiegħu taħdem bil-*minibuses,* u meta huwa sar jaf li l-attur iġib il-vetturi minn barra, kien inkarigah iġiblu vann partikolari. Qal li huwa kien għadda xi flus lill-attur wara li dan kien infurmah kemm kien jiswa l-vann, u l-attur kien qallu li b’dawn il-flus huwa kien

tħallas. Il-konvenut qal li l-ħlas sar f'April u l-attur kien infurmah li l-vann kellu jasal Malta madwar tliet ġimgħat wara, iżda minflok il-vann wasal Malta f'Settembru. Qal li l-attur kien qallu biex ibiddel iż-żejt tal-vann, u ftit wara li għamel hekk, il-vann iġġammja u ma setax jinstaq. Il-konvenut qal li l-attur kien fadallu jtih bilanċ ta' flus għal xogħol li kien għamillu, u meta mar biex iħallsu, huwa kien informa lill-konvenut li anki huwa kellu bilanċ li kien għad fadallu jħalla fuq il-vann. Il-konvenut qal li huwa ħallas għall-vann bi flus kontanti.

6. **Annalise Casha** fix-xhieda tagħha qalet li hija taf lill-attur permezz ta' missierha, u f'April 2018 dan kien mar id-dar tagħhom u missierha kien taħ €8,000 u £6,080 fi flus kontanti bħala ħlas għall-vann. Qalet li l-attur deher kuntent li kien tħallas fil-ħin, u kien qalilhom li l-vann kellu jkun għandhom fi żmien ħmistax. Żiedet tgħid li apparti dak il-ħlas, ma kien fadal l-ebda bilanċ x'jitħallas lill-attur. Qalet ukoll li eventwalment hija ħadet il-vann f'Awwissu, jiġifieri erba' xhur wara ż-żmien miftiehem. Qalet ukoll li hija marret tiġbor il-vann mill-bitħa tal-attur, u dakinhar li marret għall-vann, l-attur tagħha ċ-ċavetta u ma kienx qalilha li kellha tħallas xi ħaġa oħra.

7. **Renald Casha**, iben il-konvenut xehed li huwa wkoll jaf lill-attur mix-xogħol, u f'April tal-2018 l-attur kien mar id-dar tagħhom fejn kien talab xi flus lil missieru u dan ħallsu. Qal li l-attur kien iffirma dokument bħala rċevuta għall-ħlas, u lil missieru kien qallu li dak il-ħlas kien "biżżejjed".

8. **Carmen Casha**, mart il-konvenut ukoll xehdet li r-raġel tagħha kien ikkuntattja lill-attur sabiex dan iġibilhom vann minn barra. Qalet li r-raġel tagħha

kien ħallsu għal dan il-vann, u l-attur kien qal li l-flus li kien ħallsu l-konvenut kienu "biżżejjed".

## Is-Sentenza Appellata

9. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju, 2021, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u għaldaqstant ordnat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin Euro (€6,750), wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat:***

*Illi mill-atti jirriżulta illi l-konvenut inkariga lill-attur iġiblu van tal-marka Transit mill-Ingilterra. Illi jirriżulta illi l-prezz li l-attur xtara l-imsemmi van kien ta' tnax-il elf, seba' mija u ħamsin lira sterlina (£12,750) (fn 1 Dokument a fol. 42 u 43). Ma hemmx kontestazzjoni illi l-konvenut ħallas lill-attur is-somma ta' tmint elef euro (€8,000) u sitt elef u tmenin lira Sterlina (£6,080) fi flus kontanti. Dak li hu kontestat huwa jekk l-imsemmi ħlas kienx jikkomprendi kull spejjeż anċillari għall-istess bejgħ jew kienx jirrappreżenta biss il-prezz tal-van in kwistjoni.*

*Illi l-attur jisħaq illi l-flus li tħallsu mill-konvenut jirrappreżentaw biss il-prezz tal-van u mhux il-ħlasijiet l-oħra li saru biex il-van tniżżel hawn Malta. Min-naħa l-oħra l-konvenut jisħaq illi dak li ħallas kien ħallsu bħala l-prezz finali tal-van u kien jinkludi kull spiża oħra anċillari.*

*Illi mid-dokumenti esebiti jirriżulta illi l-ammont imħallas mill-konvenut huwa ta' ċirka erbatax-il elf, disa' mija u ħamsa u għoxrin euro (€14,925). Illi l-prezz tal-van mixtri mill-attur għall-konvenut huwa ta' tnax-il elf, seba' mija u ħamsin lira Sterlina (£12,750) (fn. 2 ir-rata ta' kambju tal-lira Sterlina fit-22 ta' April, 2018 (ċioe meta għaddew il-flus) kienet ta' Eur 1.1391 - £6080 x 1.1391 = Eur 6925.73). Illi l-prezz tal-van mixtri mill-attur għall-konvenut huwa ta' tnax-il elf, seba' mija u ħamsin lira Sterlina li konvertiti f'euro fid-data meta sar il-ħlas mill-konvenut jammontaw għal erbatax-il elf, ħames mija u tlieta u għoxrin euro (€14,523). Kwindi jirriżulta illi bejn il-prezz imħallas mill-konvenut u l-prezz tal-van kif mixtri mill-attur hemm biss differenza ta' erba' mija u żewġ euro (€402).*

*Illi din id-differenza żgur ma tkoprix l-ispejjeż kollha anċillari li jirriżulta li għamel l-attur biex tniżżel il-van in kwistjoni hawn Malta u dan kif hu muri mid-diversi dokumenti esebiti minnu stess. Illi għalkemm il-konvenut alluda fil-kontro-eżami li għamel lill-attur illi l-imsemmija spejjeż ma kinux esklussivament relatati mal-van in kwistjoni, din il-Qorti ma għandhiex prova li dan huwa fil-fatt il-każ. Biss biss jekk wieħed jifli r-riċevuti esebiti jsib is-segwenti:-*

1. *Fattura ta' SMS Logistics fir-rigward tal-vjaġġ tal-van bejn Catania u Malta; (fn. 3 dokument a fol. 25)*
2. *Fattura ta' Grandi Navi Veloci fir-rigward tal-vjaġġ tal-van bejn Genova u Palermo; (fn. 4 dokument a fol. 26)*
3. *Spejjeż ta'* diesel *u tollijiet; (fn. 5 Dokument PC2 a fol. 27 u 28)*
4. Parts *ta' vettura; (fn. 6 Dokument a fol. 29 u 30, u a fol. 39 u 40)*
5. *Spejjeż rigward it-traġitt bejn l-Ingilterra u Franza; (fn. 7 dokument PC3 a fol. 31)*
6. *Fattura tal-MOT tal-van in kwistjoni li sar ġewwa l-Ingilterra; (fn. 8 Dokument PC4 a fol. 32)*
7. *Fattura taċ-Ċertifikat ta' Konformità tal-van in kwistjoni; (fn. 9 dokument PC5 a fol. 33 sa fol. 35)*

*Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dawn l-ispejjeż ċertament huma relatati mal-van in kwistjoni. Għalkemm fis-sottomissjonijiet tiegħu d-difensur tal-konvenut jisħaq illi l-ispejjeż reklamati ma kinux relatati esklussivament mal-van in kwistjoni, dan ma jirriżulta mill-ebda prova mressqa mill-konvenut. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa inverosimili li l-attur kien se jniżżel vettura mill-Ingilterra biex ibiegħha lill-konvenut b'telf. Kwindi tqis li dak li xehed l-attur għandu iktar mis-sewwa minn dak li xehdu l-konvenut u l-familjari tiegħu.*

*Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tal-attur għandha tiġi milqugħa.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u għaldaqstant tordna u tikkundanna lill-konvenut John Mary Casha jħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin euro (€6,750) bl-imgħax dekorribbli mill-21 ta' Diċembru, 2019. (fn. 10 Data tan-notifika tal-proċeduri odjerni)*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut."*

**L-Appell**

10. Il-konvenut appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-22 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti deċiża fid-9 ta' Lulju, 2021, u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-attur u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

11. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bis-sentenza appellata għaliex l-Ewwel Qorti m'afferratx kif jixraq il-provi, u għamlet valutazzjoni fattwali u legali għal kollox żbaljata, u b'hekk għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti kif imressqa quddiemha. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti straħet fuq għadd ta' riċevuti fiskali esebiti mill-appellat, iżda skartat għal kollox il-provi prodotti mill-appellant, mingħajr ebda raġuni għal dan. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti skartat ukoll il-kontro-eżami li sar lill-appellat, li minnu kellu jirriżulta li dan ma onorax id-diliġenza rikjesta bħala *car dealer.* L-appellant qal li huwa jaf li Qorti tat-tieni grad m'għandhiex tindaħal fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni wżata mill-Ewwel Qorti. Qal ukoll li dan mhux prinċipju assolut, u li m'huwa xejn infrekwenti li Qorti ta' Reviżjoni tissindika l-valutazzjoni tar-riżultanzi probatorji li jkunu saru mill-Ewwel Qorti, u tissostitwixxi dik id-diskrezzjoni b'dik tagħha meta ssib li l-valutazzjoni effettwata mhijiex waħda loġika u koerenti mal-elementi tal-provi attendibbli. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha, liema apprezzament żbaljat huwa wieħed gravi b'mod li ġiet ikkreata inġustizzja manifesta.

12. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u ma setgħet qatt tilqa' t-talba tal-attur fl-intier tagħha għaliex l-irċevuti kollha esebiti mill-attur innifsu ma jwasslux għall-ammont indikat fit-talba tal-attur, jiġifieri €6,750. Qal li meta jingħaddu l-irċevuti kollha li ġew esebiti mill-attur, inkluż irċevuti li ġew esebiti li mhumiex relatati mat-trasportazzjoni tal-vann in kwistjoni, dawn jammontaw għal total ta' €2,072.02, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet fattwalment skorretta u ma setgħetx tikkundanna lill-konvenut iħallas spejjeż ineżistenti u li ma ġewx ippruvati. L-appellant għamel riferiment għall-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li telenka l-fatturi esebiti fil-proċess, u li t-total tagħhom huwa ta' €2,072.02. Kompla jgħid li l-Ewwel Qorti straħet skorrettement fuq it-testimonjanza inveritiera tal-appellat, fejn qal li ppreżenta ċ-ċifri u d-dokumenti kollha, imma l-Ewwel Qorti m'analizzatx il-provi esebiti, u ma vverifikatx l-ammont tat-talba meta mqabbel mal-irċevuti esebiti. Qal ukoll li mhux minnu dak li qalet l-Ewwel Qorti, li ma jirriżulta mill-ebda prova mressqa mill-konvenut li l-ispejjeż reklamati ma kinux relatati esklussivament mal-vann in kwistjoni. Qal ukoll li kuntrarjament għal dan, jirriżulta ampjament li l-appellat stess ressaq il-prova li l-ispejjeż reklamati ma kinux relatati esklussivament mal-vann in kwistjoni, u li minn qari tal-*emails* esebiti mill-appellat innifsu, għandu jirriżulta li dan kien diġà fir-Renju Unit meta staqsa lir-rappreżentant ta' LMC Cars jekk il-vann kienx lest. L-appellant qal li mill-provi esebiti għandu jirriżulta li l-appellat jitla' l-Ingilterra ta' spiss sabiex iniżżel vetturi relatati man-negozju li jiġġestixxi. L-appellant qal li apparti li l-fatturi esebiti mill-appellat ma jammontawx għall-ammont mitlub minnu, hemm ukoll diversi irċevuti esebiti quddiem l-Ewwel Qorti, li din ma ħaditx konjizzjoni tagħhom, bħall-ispiża għal Halfords – USB + flask rubber (valur £42) li mhumiex relatati mal-vann u li l-

appellat inkluda fl-ispejjeż mitluba fil-kawża; xirja ta' €144 mingħand B&Q ta' srievet, *soft brushes, hang brush towel* u *portable cooler* tax-xorb, kif ukoll l-ammont ta' €123.71 għall-bdil taż-żejt u *parts* mingħand Gasan, peress li l-vann in kwistjoni kien milqut. L-appellant qal li għalhekk l-ispejjeż li seta' inkorra l-appellat ma jistgħux jiskorru l-ammont ta' €1,646.

13. L-appellant żied jgħid li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda raġuni għalfejn skartat it-testimonjanza ta' erba' xhieda, li kkonfermaw li l-appellat mar fir-residenza tal-appellant u tħallas l-ammonti mitluba minnu ta' €8,000 u £6,080. Dawn ix-xhieda lkoll ikkonfermaw li l-appellat kitbilhom l-ammont imħallas minnhom fuq karta, u wera li kien kuntent bil-ħlas li rċieva mingħandhom. Żied jgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta saħqet li x-xhieda prodotti mill-appellat kienu inverosimili u ma offriet l-ebda spjegazzjoni għal din il-konklużjoni. Dan meta l-appellat xehed li ma kienx qiegħed jagħraf il-kitba jew il-firma tiegħu stess. L-appellant qal li għalhekk mhux biss l-appellat ma kienx kredibbli fix-xhieda tiegħu, iżda anki l-irċevuti esebiti minnu, ġew esebiti b'qerq, u bil-ħsieb li jagħmel gwadann finanzjarju b'mod abbużiv billi jitlob spejjeż li ma jirriżultawx lanqas mill-irċevuti esebiti minnu, u bl-inklużjoni ta' irċevuti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-trasport tal-vann in kwistjoni. L-appellant qal li l-appellat żvija lill-Ewwel Qorti bil-volum ta' irċevuti li esebixxa, tant hu hekk li l-Ewwel Qorti straħet fuq dawn l-irċevuti mingħajr ma analizzathom.

14. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta skartat l-obbligi imposti fuq l-appellat bħala *car dealer,* sabiex jikkonsenja lill-appellant l-ħaġa mibjugħa skont il-kwalità pattwita, u konsegwentement kienet legalment skorretta meta ordnat lill-

appellant jagħmel tajjeb għall-ispejjeż sabiex jiġu rimedjati tali nuqqasijiet, li kienu jrendu l-funzjonament tal-vann għal kollox inidoneu. L-appellant qal li mill-provi għandu jirriżulta li dan il-vann inxtara mit-tifla tiegħu sabiex bih tittrasporta t-tfal tal-iskola. Qal li l-appellat kien urieh stampa tal-vann tal-marka Ford Transit Mark 8 XXL, u bejniethom kienu qablu li l-appellant kellu jħallas €8,000 flimkien ma' £6,080, li fil-fatt tħallsu mill-appellant fl-intier tagħhom qabel ma l-appellat mar iġib il-vann. L-appellant qal li mill-kontro-eżami kellu jirriżulta li l-ispejjeż, inkluż tal-*ispare key, bumper,* vjaġġi, kellhom jiġu sopportati interament mill-appellat innifsu, għaliex dan ma onorax l-obbligi tiegħu li jiggarantixxi l-kwalità tajba tal-ħaġa mibjugħa, u jiżgura li din tkun ħielsa mid-difetti. L-appellant qal li fix-xhieda tiegħu l-appellat semma li dan il-vann kellu xi għefiesi u kellu jissewwa ġewwa r-Renju Unit, u li hu kien tela' l-Ingilterra darbtejn speċifikament minħabba dan il-vann, darba biex iħallas, u t-tieni darba sabiex jara jekk kienx lest mit-tiswija.

15. L-appellant qal li huwa paċifiku li l-appellat bħala l-venditur, kellu jikkonsenja l-oġġett mibjugħ fil-kwalità pattwita. Qal ukoll li ladarba jirriżulta li kien hemm nuqqasijiet serji da parti tal-appellat *qua* venditur, li kellu l-obbligu li jassigura li l-oġġett mibjugħ minnu ikun tal-kwalità pattwita, tali spejjeż għandhom jiġu sopportati mill-appellat esklussivament. L-appellant qal li kien l-appellat li ddeċieda li jniżżel vann li kien ferm aktar antik minn dak li kien miftiehem, u sussegwentement niżżel vann li kellu staffa elettrika ma taħdimx meta dan il-vann kellu jintuża mit-tfal tal-iskola. L-appellant qal li l-appellat tela' għall-vann meta dan kien għadu mhux lest, u dan naqas milli jniżżel l-*ispare key* u d-dokumentazzjoni fl-istess vjaġġ li niżżel il-vann. L-appellant qal li dan huwa

prova ċara u inekwivoka li l-ispejjeż reklamati mill-appellat huma frott in-nuqqasijiet tiegħu, u li dawn setgħu jiġu faċilment evitati li kieku l-appellat eżerċita n-negozju tiegħu bid-diliġenza rikjesta. L-appellant qal li l-appellat naqas milli jonora l-obbligi tiegħu li jeżegwixxi dan il-ftehim bil-*bona fede* u skont l-obbligazzjonijiet tiegħu, mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda anki għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha obbligazzjoni bħal din. L-appellant qal li l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili jagħti s-setgħa lix-xerrej jitlob tnaqqis fil-prezz tal-oġġett jekk il-kunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu sar il-bejgħ, bl-istess mod li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tobbliga lix-xerrej jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li huma indubbjament riżultat ta' nuqqas flagranti tal-appellat stess, fosthom il-fatt li jiġi obbligat iħallas għall-ispejjeż ta' vann li fi kliem l-appellat stess, kien aktar antik minn dak miftiehem. L-appellant qal li dawn l-ispejjeż ma ġewx miftiehma mal-kompratur, u ġew inkorsi biss minħabba li l-appellat ma onorax l-obbligi imposti fuqu *qua* venditur sa mill-bidu nett li aċċetta dan l-inkarigu.

16. L-appellant qal ukoll li ladarba jirriżulta li huwa bħala kompratur huwa bniedem komuni injar tal-finezzi li tagħhom kien responsabbli l-appellat *qua* venditur, il-minimu rikjest mill-appellat f'ċirkostanzi bħal dawn huwa li tal-flus li tħallas jirrendi servizz mingħajr intoppi. L-appellant qal li l-appellat għandu ferm iktar esperjenza minnu f'dan it-tip ta' negozju. Qal li anki f'każ li l-appellat ma kienx venditur iżda kien mandatarju tal-appellant, l-artikolu 1874(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-mandatarju għandu jwieġeb mhux biss għall-għemil doluż, imma anki għan-negliġenza fl-eżekuzzjoni tal-mandat. Qal li l-appellat kien negliġenti fil-mod kif esegwixxa dan il-mandat, u minħabba din in-negliġenza

sofra l-appellant, li issa qiegħed jintalab iħallas għal ċerti spejjeż. Qal li huwa għalhekk li jtenni li l-Ewwel Qorti kienet għal kollox skorretta meta skartat dawn in-nuqqasijiet serji tal-appellat, u ma qisitx li dawn huma spejjeż li ġew inkorsi biss minħabba n-negliġenza u t-traskuraġni tal-appellat, li wasslu għal preġudizzju serju għall-appellant. Qal ukoll li ma jistax ma jiġix osservat ukoll li *car dealer* mogħni b'daqstant esperjenza, tela' u niżel għall-aċċessorji tal-vann ħames darbiet mingħajr ma niżżel vetturi ta' xi ħaddieħor. L-appellant qal li din hija inverosimiljanza oħra li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li appell bħal dan għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u appell fuq punt ta' fatt għandu jsir biss meta l-Ewwel Qorti tkun għamlet apprezzament tant ħażin tal-fatti, li jinħoloq lok għall-appell. Qal li ġeneralment Qorti tal-Appell għandha toqgħod fuq il-fatti kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, u tikkonferma d-deċiżjoni appellate f'każ li jirriżulta li l-Ewwel Qorti tkun użat id-diskrezzjoni tagħha b'mod korrett. Qal li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament korrett tal-fatti, u għalhekk din il-Qorti għandha tirrifjuta li tieħu konjizzjoni ta' dan l-appell. Qal ukoll li f'dan l-istadju ma jistgħux jiġu ppreżentati provi ġodda, u li dokumenti hekk esebiti għandhom jitqiesu li huma nulli u mingħajr effett.

18. L-appellat qal li min-naħa tiegħu huwa kien ippreżenta d-dokumenti tiegħu u l-irċevuti għal liema l-vann daħal fi spejjeż żejda sabiex isewwi xi

affarijiet żgħar. Qal li l-appellant kien aċċetta l-vann fl-istat li kien, u minn żmien għal żmien beda jitlob li jsiru tiswijiet u miljoramenti, li ma jsirux b'xejn.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Iżda qabel xejn din il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal dak li ngħad mill-avukat difensur tal-appellat waqt it-trattazzjoni, li sostna li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li semgħet l-Ewwel Qorti, sakemm ma tirriżultax inġustizzja manifesta jekk din il-Qorti tonqos milli tagħmel dan. Il-Qorti tirrileva li l-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi korretta tal-provi miġjuba quddiemha, u konsegwentement hemm diskrepanza ta' kważi ħamest elef Euro bejn dak li l-appellant jikkonċedi li huwa tenut li jħallas, u l-pretensjoni tal-appellat. Din il-Qorti tqis illi kien aktar minn ġustifikat l-appellant meta ressaq l-ewwel aggravju tiegħu, filwaqt li jagħmel riferiment għall-irċevuti u għall-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

*L-ewwel aggravju:* *[apprezzament żbaljat tal-fatti]*

20. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti li kellha quddiemha, bir-riżultat li meta din skartat il-provi mressqa mill-appellant, kienet qegħda tagħmel inġustizzja manifesta. L-appellant għamel riferiment għall-irċevuti esebiti in atti, u qal li meta wieħed jikkonsidra l-ammonti ndikati

f'dawn l-irċevuti, wieħed ma jasalx għall-ammont totali pretiż mill-appellat. Żied jgħid li anki mill-elenku tal-irċevuti li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jirriżulta li t-total ta' dawn l-irċevuti jammonta għal €2,072.02, u meta wieħed jelimina minn dawn l-irċevuti, irċevuti għal oġġetti li evidentement m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-trasportazzjoni tal-vann in kwistjoni, it-total tal-ispejjes inkorsi mill-appellat huwa biss ta' €1,646.

21. Sabiex setgħet tikkonsidra dan l-aggravju, din il-Qorti eżaminat il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, senjatament dawk *a fol.* 25 sa 31 tal-proċess, li jikkonsistu f'kopji ta' irċevuti li abbażi tagħhom l-appellat qiegħed jippretendi l-ħlas: irċevuta ta' €297.36 (SMS Logistics); irċevuta ta' €619.26 (Grandi Navi Veloci); irċevuta ta' €188.56 *tolls* f'diversi toroq ewlenin fl-Ewropa; irċevuta ta' €201 (*parts* u servizzi għall-vettura); irċevuta ta' €51.89 (Leroy Merlin u Halfords) li l-Qorti sejra telimina mit-total minħabba li dawn l-istabbilimenti ma jbigħux affarijiet relatati ma' vetturi; irċevuta ta' €296 (*fol.* 30), li minnhom il-Qorti qiegħda telimina l-ammont ta' €144 mill-istabbiliment B&Q, għaliex ma jirriżultax li l-oġġetti mixtrija minn dan l-istabbiliment għandhom x'jaqsmu mal-inkarigu li ngħata l-appellat; irċevuta ta' €239.92 (*tolls)*; irċevuta ta' £60 għat-test tal-MOT; u irċevuta ta' €92.20 u €31.50 għax-xiri ta' xi *spare parts* minn Malta. Għalhekk din il-Qorti tqis li t-total tal-ispejjeż inkorsi mill-appellat relatati mal-inkarigu tat-trasportazzjoni tal-vann in kwistjoni, jammontaw għal €1,893.50, u mhux l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tilqa' parzjalment l-ewwel aggravju tal-appellant, fis-sens li l-appellant għandu jħallas il-bilanċ ta' €1,893.50 lill-appellat għall-ispejjeż li dan inkorra fir-

rigward tal-inkarigu li huwa kien ingħata mill-appellant, għaliex dan huwa l-ammont li jirriżulta mill-provi esebiti in atti.

*It-tieni aggravju:* *[dwar l-obbligi tal-appellat bħala* car dealer*]*

22. L-appellant qal li kien hemm ċerti obbligi li l-appellat kellu jonora bħala negozjant li jbiegħ il-vetturi, u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta injorat dawn l-obbligi. Qal li l-appellat kellu l-obbligu jikkonsenja l-ħaġa tal-kwalità pattwita, u li kien hemm spejjeż li l-Ewwel Qorti ddikjarat li għandhom jiġu inkorsi mill-appellant wara li l-appellat ma onorax l-obbligi tiegħu li jiggarantixxi l-kwalità tajba tal-ħaġa mibjugħa u jiżgura li hija ħielsa mid-difetti. Qal li huwa diffiċli li jitwemmen l-appellat meta jgħid li huwa kellu jivvjaġġa lejn ir-Renju Unit ħames darbiet sabiex jikseb l-*ispare key,* jew id-dokumentazzjoni tal-vettura, u li kien hemm aspetti tax-xhieda mogħtija mill-appellat innifsu li jindikaw li dan m'użax id-diliġenza rikjesta minnu bħala *car dealer*. L-appellant qal li l-appellat naqas milli jeżegwixxi dawn l-obbligi bil-*bona fede,* u minkejja li l-appellat għandu esperjenza vasta fil-mod kif jiġġestixxi dan it-tip ta' negozju, dan kien negliġenti fil-mod kif eżegwixxa dan il-mandat li ngħata.

23. Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti, partikolarment dak li kellu xi jgħid l-appellat kull darba li resaq sabiex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, fejn dan spjega li kellu jivvjaġġa lejn ir-Renju Unit diversi drabi sabiex iġib *parts* jew dokumentazzjoni ta' dan il-vann partikolari. Din il-Qorti tqis li mhux verosimili dak li ingħad, li fil-ħames darbiet li l-appellat ivvjaġġa lejn ir-Renju Unit, dan mar appożitament biex iġib dokumenti jew *parts* żgħar għal dan il-vann partikolari. Fid-dinja li qed ngħixu fiha llum, dokumentazzjoni jew *parts* jistgħu faċilment

jintbagħtu bil-posta, u għalhekk hemm probabbilità kbira li l-appellat mhux ikun veritier mal-fatti kif seħħew, meta jgħid li huwa kellu jivvjaġġa lejn ir-Renju Unit għadd ta' drabi esklussivament b'rabta ma' dan l-inkarigu speċifiku. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis ukoll li mill-komputazzjoni li saret abbażi tal-irċevuti prodotti mill-appellat, ma ġiet likwidata l-ebda spiża li tista' titqies li mhijiex esklussivament marbuta ma' dan l-inkarigu. Hawn il-Qorti tmur lura għat-talbiet speċifiċi tal-appellat, fejn dan jgħid li minkejja li huwa tħallas mill-appellant għall-akkwist tal-vann, huwa baqa' ma tħallasx għall-ispejjeż addizzjonali li inkorra sabiex seta' jeżegwixxi dan l-inkarigu, fosthom in-nollijiet tal-vapur li fuqu nġarr il-vann, it-*tolls* li tħallsu f'diversi pajjiżi waqt it-traġitt bit-triq, u spejjeż oħra li wieħed jista' raġonevolment jikkonkludi li ntefqu speċifikament b'rabta mal-inkarigu li kellu. Il-Qorti tirrileva li l-appellant hawn mhux qiegħed ikun ġust meta jippretendi li ma jħallas xejn għajr l-prezz tax-xiri tal-vann, meta huwa ta inkarigu speċifiku lill-appellat sabiex jakkwista l-vann f'ismu u jittrasportah lejn Malta. Mill-provi ma jirriżultax lanqas li l-appellant ma kienx kuntent bil-vann akkwistat minnu, jew li dan ilmenta xi żmien wara li sar l-akkwist, li l-vann ma kienx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet. Għaldaqstant dawn l-argumenti mqajma mill-appellant fit-tieni aggravju tiegħu, ma jsibu l-ebda sostenn fil-provi prodotti u fix-xhieda li ngħatat quddiem l-Ewwel Qorti, u għalhekk din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' parzjalment l-ewwel aggravju tiegħu, u tordna lill-appellant iħallas**

**lill-appellat is-somma ta' €1,893.50 għar-rigward tal-inkarigu mogħti lilu, filwaqt li tiċħad it-tieni aggravju tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, għandhom jitħallsu nofs kull wieħed mill-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**